C/2024/2972

25.4.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-każ M.11496 — BP / ADNOC / JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/2972)

1. Fis-17 ta' April 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— BP Exploration Operating Company Limited ("BPEOC", ir-Renju Unit), ikkontrollata minn BP p.l.c. ("BP", ir-Renju Unit), u

— ADNOC International Limited ("AIC", l-Emirati Għarab Magħquda), ikkontrollata minn Abu Dhabi National Oil Company P.J.S.C. ("ADNOC", l-Emirati Għarab Magħquda).

BPEOC u AIC se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' kumpanija ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— BPEOC hija involuta fil-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti petroliferi,

— L-AIC tinvesti, iżżomm u timmaniġġja kumpaniji taż-żejt u tal-gass upstream, midstream u downstream u l-assi li huma proprjetà ta' ADNOC barra mill-Emirat ta' Abu Dhabi.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-Impriża Konġunta se jkunu dawn: L-Impriża Konġunta se jkollha s-sjieda u se tiżviluppa ċerti konċessjonijiet tal-gass naturali fl-Eġittu u se tikkummerċjalizza u tforni l-gass naturali u l-kondensat li jiġu prodotti permezz tal-assi fl-Eġittu.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11496 — BP / ADNOC / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË